MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 721/2005

**Maltacom Plc ( C 22334)**

**Vs**

**George Camilleri (199961M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn jinghad:-

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas is-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tlettin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm330.63c ), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' hsarat minnhom ikkagunati lill-proprjeta' tas-socjeta' attrici waqt xogholijiet fl-Istrand, Gzira fl-4 ta' Gunju, 2003 (GT3/2003/34 INV. 13180)

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, izda baqa' inadempjenti.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn jinghad:-

Illi, preliminarjament, il-konvenut mhux socjeta', kif indikat fit-talba attrici.

Illi, t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut ghandhom jigu michuda stante illi hija infondata fil-fatt u fid-dritt, stante ukoll li l-konvenut kien fuq xogholu u ma kienx qed jagixxi f'ismu proprju, izda bhala impjegat.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-hsarat sehhew b'tort, negligenza, traskuragni u nonkuranza tas-socjeta' attrici stess.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-socjeta attrici trid tipprova l-ammont ta' danni pretiz.

Ra x-xhieda ta' Anthony Grech, impjegat tas-socjeta' attrici, li jispjega li dakinhar tal-incident kien inkarigat mis-Sliema cables, u kien gie infurmat li kien hemm hafna hsara fin-naha tal-Gzira fis-sistema tat-telephones. Meta mar fuq il-post sab lill-konvenut ihaffer bil-jig u li kien qed ihaffer vicin il-bini u overhead cabes.

Ix-xhud jispjega illi kien tkellem mal-konvenut u dan ta' l-ahhar kien qallu li kien laqat il-wires bil-jig. Ighid ukoll li l-konvenut ma kienx infurmah f'isem min kien qed jaghmel ix-xoghol u izid ighid li fuq l-ingenji ma kienx ra x'ismijiet partikolari..

Ix-xhud jikkonferma li s-servizz kien ghadu ghaddej u sabiex dan jinqata' trid issir applikazzjoni mal-korporazzjoni u d-dipartimenti opportuni.

Ra x-xhieda ta' Dr.Keith Grech, impjegat mas-socjeta' attrici li jikkonferma li l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tlettin lira Maltin, tlieta u sittin centezmu (Lm330.63c), in konnessjoni ma' hsarat

ikkagunati konsistenti f'cables tat-telephone u dan kollu sehh f'Gunju, 2003.

Ra x-xhieda ta' Ing. Ronald Cuschieri, li jikkonferma l-istess xhieda ta' Dr.Grech u jispjega illi l-ispejjes dovuti jinqassmu bhala mija sitta u tmenin lira Maltin erbgha u erbghin centezmu (Lm186.44) bhala *labour cost*, mija u lira u sitt centezmi (Lm101.06) bhala spejjes materjal, flimkien ma' tlieta u erbghin lira u tlettax-il centezmu (Lm43.13) bhala Vat.

Ra x-xhieda ta' Paul Aquilina, impjegat mas-socjeta' attrici li jikkonferma l-istess fatti tax-xhieda precedenti u jikkonferma li l-kont ghadu pendenti sa' llum.

Ra x-xhieda ta' PS 513 Anthony Gerada, li fuq rapport kien mar jitkellem mal-konvenut li kien qed jaghmel xi xoghol fuq xi plot u dan ammetta mieghu li kien laqat il-cables u li kien informa l-Maltacom. Gie kkonfermat fir-rapport li x-xogholijiet kienu qed isiru ghan-nom ta' Polidano Group.

Ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Il-qofol ta' dan il-kaz huwa jekk, primarjament giex stabbilit jekk il-konvenut kienx qed jahdem a nom tieghu personalment jew ghan-nom ta' haddiehor.

Il-provi fuq dan il-punt huma ghal kollox neqsin. L-unika referenza ghal dan il-fatt tinsab fir-rapport tal-pulizija fejn hemm spjegat li x-xogholijiet kienu qed isiru ghan-nom ta' Polidano Group.

Minkejja dan, il-konvenut fl-ebda moment ma ressaq provi f'dan is-sens sabiex jissostanzja dan il-fatt. Lanqas hu stess ma deher sabiex forsi jiggustifika r-relazzjoni tieghu ma' Polidano Group.

Li gie stabbilit huwa, li l-konvenut ammetta li, waqt li kien qed jahdem fit-triq il-Gzira laqat il-*cables* tat-telephone bil-

jig. Fil-fatt, kien hu li nforma lis-socjeta' attrici. Mill-provi, it-Tribunal ma jistax jikkonkludi li l-konvenut informa lill-partijiet f'isem min kien qed jagixxi u effettivament l-invoice, kif ukoll kwalsiasi korrespondenza mis-socjeta' attrici ntabghtet lill-konvenut direttament, izda hu qatt ma rrisponda fis-sens li l-ammont mhux dovut, jew mhux dovut direttament minnu, ghaliex kien qed jagixxi ghan-nom ta' haddiehor.

Jibqa' ghalhekk il-fatt li l-konvenut kien negligenti waqt xogholu, meta laqghat l-istess *cables* u inoltre lanqas biss ma giet adoperata s-sistema li biha jinqata' s-servizz telefoniku wara li ssir applikazzjoni f'dan is-sens u dan s'intendi sakemm isiru x-xoghoijiet.

Ghahekk anki minn dan l-aspett, kien hemm diversi nuqqasijiet da parti tal-konvenut.

Fuq kollox anki l-istess atteggjament tal-konvenut f'dak li jirrigwarda l-kaz, fejn ghazel li jibqa' indifferenti ghal dawn il-proceduri, hlief li pprezenta risposta, jikkonvinci t-Tribunal fuq ir-responsabbilita' tal-konvenut.

It-Tribunal huwa soddisfatt li t-talbiet attrici jinsabu pruvati.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u tordna lil-konvenut ihallas is-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tlettin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm330.63c), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' hsarat minnu ikkagunati lill-proprjeta' tas-socjeta' attrici waqt xogholijiet fl-Istrand, Gzira fl-4 ta' Gunju, 2003.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------